BIRGU
Citta' Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

---

24 ta' Gunju, 2013

# Minuti tal-laqgha 17(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 17(06) fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar it-Tlieta 11 ta' Gunju 2013, fis-sebgha ta' filghaxija (7:00pm)

## Prezenti

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, l-Vici Sindku, S-Sur Trevor Mizzi, l-Kunsillier Anton Gellel, l-Kunsillier Alan Cassar u l-Kunsillier Lawrence Attard.

Staff Klerikali – Is-Sinjorina Christine Bonello, Segretarja Ezekuttiva, is-Sinjura Moira Azzopardi, Skrivana u s-Sinjura Lara Mascena Skrivana

## Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha.

Is-Sindku qal li din il-laqgha primarjament issejhet sabiex il-Kunsill jkun jista' jiddiskuti l-attivita tal-Birgufest 2013.

1. **BirguFest 2013**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, talab lis-Sinjura Moira Azzopardi biex tinforma lil Kunsilliera prezenti bl-ammont ta' finanzi approvati u mghoti b'donazzjonijiet ghall-organizazzjoni tal-attivita tal-BirguFest 2013. Is-Sinjura Moira Azzopardi nfrumat lil Kunsill li sal-llum il-Kunsill Lokali tal-Birgu, ircieva biss l-konferma li l-Kunsill seer jibbenifika l-ammont ta' €6,000 mil-iksema tal-attivitajiet mahruga mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali, donazzjoni ta' € 150 mil-Bank of Valletta, kif ukoll konferma verbali li l-*Grand Harbour Marina* ser taghti donazzjoni ta' € 4,000 ghal l-organizazzjoni tal-BirguFest 2013. Ghaldaqstant, presentament l-Kunsill ghandu l-ammont ta' € 10,150 ghad-disposizzjoni tieghu sabiex jorganizza din l-attivita. Is-Sindku rrimarka li normalment din l-attivita tigi tiswa lil Kunsill madwar €45,000.

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li l-Malta Tourism Authority offriet li ghal din l-attivita, ssir esebizzjoni mill-istakkament tal-InGuardia. Hawnhekk is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghmel appuntament mas-Sur Martin Morana. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.
Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa l-attivita tal-BirguFest 2013, titella' bejn il-11 u t-13 ta' Ottubru, 2013, fejn ghal din l-attivita, il-Gimgha filghodu titella' l-attivita ghat-tfal tal-iskola, s-Sibt titella' l-attivita tal-Birgu By Candlelight u l-Hadd filghodu titella' l-attivita mil-InGuardia, u possibilment mil-Military Tattoo. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sur John Boxall, Sindku ssugerixxa sabiex issir laqgha mad-Direttur tal-kumpanija Maypole, kif ukoll mas-Sur Raymond Vella, Direttur tal-kumpanija RVC Limited, sabiex tigi diskussa f'aktar dettal din l-attivita. Barra min hekk, is-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill ghandu jinforma bis-sitwazzjoni lil Onorevoli, Ministru ghat-Turizmu, s-Sur Karmenu Vella, fejn il-Kunsill jistqar li s-somma li giet allokata lilu, dik ta' € 6,000, sabiex fil-lokalita tieghu tigi organizzata l-attivita fuq skala nazzjonali tal-Birgufest 2013, s-somma hija wahda mizera meta tikkunsidra li din l-attivita biex tigi organizzata fuq tlett ijiem din ta' kull sena tiswa' madwar €45,000 u tintalab l-ghajnuna diretta tieghu, sabiex b'hekk il-Kunsill Lokali tal-Birgu jkun f'posizzjoni ahjar li jorganizza l-attivita tal-BirguFest 2013 fuq skala nazzjonali. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 2. <u>Affarijiet ohra</u>

2.1 <u>Decizjoni dwar Agent Segretarju Ezekuttiv</u>

Is-Sindku s-Sur John Boxall nforma lil Kunsilliera li s-Segretarja Ezekuttiva ser tiehu sena *unpaid leave*, liema talba giet approvata mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali peress li hija mpjegata direttament mal-Gvern Centrali. Is-Sindku qal li din it-talba ser tigi fis-sehh mil-24 ta' Gunju, 2013. Hawnhekk, is-Sindku pprezenta lista ta' kandidati prospettivi mibghuta mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali ta' persuni li jistghu jiehdu l-post ta' Agent Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghamel kuntatt ma' bosta persuni mnizzla fuq din il-lista, u l-maggoranza tal-persuni m'humiex interessati li jahdmu bhala Agent Segretarju jew huma min Ghawdex. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill ghandu jaghzel persuna min fost l-istaff klerikali sabiex tkun hi d-Deputat Segretarju tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Wara diskussjoni, s-Sindku ppropona li f'din is-sitwazzjoni, l-Kunsill ghandu jahtar lis-Sinjura Moira Azzopardi bhala Deputat Segretarju Ezekuttiv. Il-Vici Sindku, s-Sur Trevor Mizzi, ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 <u>Applikazzjoni numru PA 04016/13</u>

Is-Sindku pprezenta ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera, kopja ta' ittra mibghuta mis-Sur Lawrence Fenech u s-Sur Joseph Privitera, residenti fi Triq Hilda Tabone, li qeghdin joggezzjonaw ghall-applikazzjoni numru PA 04016/13, sabiex id-dar numru 34, fl-istess Triq issir *wine bar*. Wara diskussjoni, s-Sindku s-Sur John Boxall, ippropona li l-Kunsill Lokali tal-Birgu hekk kif diga kien oggezzjona gahll-istess applikazzjoni li kienet saret fl-2009, jerga' joggezzjona ghal dan il-permess. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu joggezzjona, hekk kif in-natura proposta, jigifieri dik ta' wine bar mhi kompatibli xejn mal-bqija tal-madwar, li hija wahda kompletament residenzjali.

*Wine bar* johloq storbju kbir, specjalment fil-hemda u s-satra tal-lejl u dan zgur ser johloq inkonvenjent kbir lir-residenti ta' din iz-zona. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 *Outdoor parallel lift* ghal Knisja Arcipretali u Konventwali ta' San Lawrenz

Is-Sindku s-Sur John Boxall, ipprezenta ghall-attenzjoni tal-Kunsill, kwotazzjoni sabiex fil-Belt tal-Birgu ezattament fejn il-Knisja Arcipretali u Konventwali ta' San Lawrenz, issir *Outdoor Parallel Lift* hekk kif il-Knisja ta' San Lawrenz, mhix accessibli ghal persuni b'dizabbilita. Is-Sindku nforma lil Kunsill li l-Kapitlu qabel ma' din il-proposta biex issir l-imsemmi lift, u nforma lil Ordni Sovrana tal-Kavallier ta' San Gwann, sabiex hekk kif kienu ser ihallsu l-*lift* ghal Knisja, minflok issir din is-sistema. Is-Sindku zied jghid li L-Eccelenza Tieghu Fra John Critien, kkonferma li l-Ordni Sovrana, hija lesta li thallas l-ispejjez involuti. Hawnhekk, is-Sindku s-Sur John Boxall, issugerixxa sabiex il-Kunsill ihallas l-ispejjez tal-Perit sabiex issir l-applikazzjoni l-MEPA. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Hawnhekk, is-Sindku ppropona li jekk ix-xoghol kollhu nvolut jitlesta sal-Festa ta' San Lawrenz, dan il-*lift* jigi nawgurat fil-gurnata ddedikata ghall-anzjani, izda, jekk ix-xoghol ma jkunx tlesta, l-inawgurazzjoni ta' dan il-*lift* issir fil-gimgha ta' Jum il-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Okkazzjoni ta' 50 sena anniversarju tas-Sacerdozju ta' Dun Lawrenz Bonnici

Is-Sindku pprezenta invit ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera ghal quddies fl-okkazzjoni tal-50 sena tas-Sacerdozju ta' Dun Lawrenz Bonnici li ser issir nhar il-Hamis 13 ta' Gunju, 2013, fil-Kappella tal-Qalb ta' Gesu, Fuq tal-Hawli, l-Birgu fis-sitta ta' filghaxija.

2.5 Attivita organizzata mil-Vittoriosa Stars Youth Nursery

Talba mil-Vittoriosa Stars Youth Nursery sabiex fi 30 ta' Gunju, 2013, tinghata l-approvazzjoni u l-permess biex juzaw z-zona ta' Couvre Porte, sabiex titella' attivita mil-kumpanija Gaffiero Productions bil-kollaborazzjoni ta' din l-ghaqda u bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku zied jghid li din il-kumpanija ser taghti donazzjoni ta' € 200 lil Kunsill Lokali tal-Birgu. Wara diskussjoni, bi qbil unanimu, l-kunsilliera prezenti qablu li ghandha tinghata l-approvazzjoni sabiex titella' din l-attivita.

2.6 Talba ghat-tabelli ta' reklamar ghal *Bar & Restaurant* tal-Vittoriosa Stars F.C.

Talba minghand is-Sur Erskine Vella, President tal-Vittoriosa Stars F.C. sabiex fil-Belt tal-Birgu jsiru erbgha tabelli tar-reklamar ghal *Bar & Restaurant* tal-Vittoriosa Stars F.C. Wara diskussjoni s-Sindku, s-Sur John Boxall, issugerixxa li l-Kunsill ghandu japprova u jilqa' din it-talba, izda important ferm li dawn it-tabelli isiru ta' l-istess disinn u daqs li hemm f'postijiet ohra fejn diga hemm sinjali ta' reklamar ta' entraprizi ohra. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Talba mill-Vittoriosa Stars F.C.

Is-Sindku pprezenta talba mill-President tal-Vittoriosa Stars F.C., is-Sur Erskine Vella, sabiex jitwaqqa' parti mill-hajt tan-naha ta' wara fejn hemm il-*bring in sites* tal-grawnd tal-futbol li jinsab Fuq il-Fortini, sabiex din l-ghaqda tkun tista' taghmel hrug u dhul ghal karozzi li

jipparkjaw f’dan il-ground, hekk kif dan jintuza bhala parkegg. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa’ u japprova din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.8 Performance Bonus tas-Segretarja Ezekuttiva

Is-Sindku s-Sur John Boxall pprezenta ghal laqgha tal-Kunsill, l-*appraisal report* tas-Segretarja Ezekuttiva, s-Sinjorina Christine Bonello ghas-sena 2012. Wara diskussjoni, l-Kunsill b’mod unanimu ddecieda li ghas-sena 2012, s-Segretarja Ezekuttiva tinghata u jigi approvat 8 % *performance bonus*. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fil-9:30 ta’ filghaxija.

Christine Bonello
Segretarja Ezekuttiva

ikkonfermati John Boxall
Sindku